MALTA

# BORD TA' ARBITRAGG DWAR ARTIJIET

## MAGISTRAT DR.
## GIOVANNI GRIXTI

Seduta tas-6 ta' Novembru, 2013

Rikors Numru. 28/2010

**Teresa ID 129133(M) u Joseph ID 550618(M) ahwa Darmanin**

**vs**

**Kummissarju tal-Artijiet**

Il-Bord;

Ra r-rikors promutur li jghid hekk:

Illi huma gew notifikati b'ittra ufficjali tal-5 ta' Ottubru 2010, mill-intimat, fejn ghall-finijiet tal-artiklu 22 tal-Ordinanza Dwar l-Akkwist ta' Artijiet ghal skopijiet pubblici (Kap 88 tal-Ligijiet ta' Malta), irriferihom ghall-avviz Numru 63 fil-gazzetta tal-Gvern tal-21 ta' Jannar 2009, ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta' bicca art f'Wied il-Ghajn, li tidher bil-kulur ahdar u mmarkata bhala Plot 20 fuq il-pjanta L.D. Nru. 69/80/A, li hija tal-kejl ta' madwar 5459 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u mill-Lvant ma' triq pubblika u mill-Lbic ma propjeta' ta'

Carmelo Saliba jew irjieh verjuri , u li ghal din l-art l-awtorita’ kompetenti qieghda toffri l-kumpens ta’ hamsa u hamsin elf ewro (€55,000) skond stima li hemm imsemmija fl-istess avviz Numru 63 li saret mill-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&CE, li kklassifikat l-art bhala agrikola skond it-termini ta’ Kap 88 tal-Ligijiet ta’ Malta.

Illi l-esponenti, fuq konsulenza tal-Perit Arkitett Edric Micallef A&CE, li qed jistma l-art imsemmija ta’ 5,459 metri kwadri bil-valur ta’ mija u hamsa u ghoxrin elf ewro (€125,000) qed jirritjenu li l-offerta tal-Kummissarju tal-Artijiet bhala mhux xierqa u gusta.

Illi, ghaldaqstant, huma jitolbu bir-rispett li dan l-Onorabbli Bord jikkundanna lill-Kummissarju tal-Artijiet li jhallas lill-esponenti is-somma ta’ €125,000 jew dik is-somma verjuri li dan l-Onorabbli Bord jista’ jqis bhala xierqa u gusta skond il-ligi (Kap 88).

Ra wkoll ir-risposta li tghid hekk:

Illi l-esponent gie notifikat bir-rikors datat 4 ta’ Jannar, 2011 fl-ismijiet fuq imsemmija fejn ir-rikorrenti oggezzjonaw ghall-kumpens lilhom offrut mill-awtorita’ kompetenti ta’ hamsa u hamsin elf Euro (€55,000.00) ghax-xiri assolut bhala liberu u frank ta’ bicca art f’Wied il-Ghajn tal-kejl ta’ madwar hamest elef, erba’ mija u hamsa u disghin metri kwadri (5,459m$^2$) tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u mill-Lvant ma’ triq pubblika u mill-Lbic ma’ propjeta’ ta’ Carmelo Saliba jew irjieh verjuri, liema art hija meqjusa bhala agrikola skont it-termini ta’ Kapitolu 88 tal-Ligijiet ta’ Malta u qeghdin jippretendu li l-kumpens ghandu jkun ta’ mija u hamsa u ghoxrin elf Euro (€125,000.00).

Illi l-esponent qieghed jibqa’ jsostni li l-kumpens gust ghall-art fuq imsemmija huwa dak fuq citat, jigifieri, l-ammont ta’ hamsa u hamsin elf Euro (€55,000.00) u dan skont l-istima tal-Perit Arkitett Carmen V. Sutton A&CE fl-Avviz Nru. 63 fil-Gazzetta tal-gvern tal-21 ta’ Jannar, 2009 u skont it-termini tal-Kap 88.

Ghaldaqstant, l-esponent qieghed jitlob bir-rispett lil dan l-Onorabbli Bord sabiex jiffissa l-ammont ta’ hamsa u hamsin elf Euro (€55,000.00) bhala l-kumpens gust ghall-esproprjazzjoni tal-art esproprijata ta’ kejl ta’ madwar hamest elef erba’ mija u hamsa u disghin metri kwadri (5,459m²) skont pjanta L.D. Nru 69/80/A.;

Semgha l-provi;

Ra l-atti kollha tar-rikors;

Ikkunsidra:

Illi f’din il-kawza r-rikorrenti qeghdin jitolbu li jkun iffissat il-kumpens gust dovut lilhom wara espropriju ta’ bicca art agrikola taghhom f’Marsascala tal-kejl ta’ 5459 metri kwadri. Ir-rikorrenti kienu gustament rrifjutat il-kumpens irrizorju lilha offert mill-Awtoritajiet ta’ €55,000;

Illi r-rikorrenti qeghdin jistriehu maggorment fuq l-opinjoni tal-perit arkitett taghhom li xehed f’dawn il-proceduri u spjega kif wasal ghall-valutazzjoni tieghu. Huwa esebixxa ukoll kopji ta’ Avviz ta’ esproprijazzjoni fosthom f’Haz Zabbar fejn l-Awtorita’ kienet offriet kumpens gia ferm ghola minn dak odjern. Sfortunatament din hija okkorrenza li titfa dell ikrah fuq il-professjoni tal-periti arkitetti ghaliex mhux koncepibbli kif bicca art tista’ tkun smata b’valur daqshekk baxx meta kif qal tajjeb ix-xhud, art agrikola generalement tiswa bejn €20,000 u €30,000 it-tomna;

Illi l-periti membri tal-Bord assenjati sabiex jassistuh, wara li ghamlu l-konsiderazzjonijiet taghhom ikkonkludew illi din hija art agrikola b’uzu bhala park ghar-rikrejazzjoni u li l-valur taghha huwa aktar minn dak pretiz mir-rikorrenti izda a tenur tal-artikolu 25 qieghdin jillimtaw ruhhom ghat-talba fir-rikors promutur b’dan illi l-valur tal-kumpens ghandu jkun dak ta’ €125,000;

Il-Bord jaghmel tieghu il-konkluzzjonijiet tal-periti membri u ghalhekk qieghed jilqa’ t-talba tar-rikorrenti billi jiffissa l-kumpens dovut lilhom ghat-trasferiment b’xiri assolut

bhala libera u franka ta’ bicca art f’Wied il-Ghajn, li tidher bil-kulur ahdar u mmarkata bhala Plot 20 fuq il-pjanta L.D. Nru. 69/80/A, li hija tal-kejl ta’ madwar 5459 metru kwadru, li tmiss mit-Tramuntana, mill-Grigal u mill-Lvant ma’ triq pubblika u mill-Lbic ma propjeta’ ta’ Carmelo Saliba jew irjieh verjuri li qed tkun dikjarata art agrikola, fil-valur ta’ mija u hamsa u ghoxrin elf Euro (€125,000) oltre l-imghax legali skond il-ligi.

L-ispejjez ghandhom ikunu sopportati mill-partijiet fi proporzjon li d-differenza fl-ammont offrut mill-awtorita kompetenti u dak hekk stabbilit mill-Bord ikollhom ghad-differenza fl-ammont mitlub mis-sid u l-ammont stabbilit mill-Bord

**< Sentenza Finali >**

--------------------------------TMIEM--------------------------------